# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## ID-DISGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

**It-Tnejn, 1 ta' Lulju, 2024**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-18:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi – Viċi Sindku
Jeremy Hili – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Louis Galea – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 1.1 Aċċetazzjoni tal-Kariga ta' Sindku

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) bdiet il-laqgħa fejn spejgat kif se timxi l-ewwel laqgħa tal-Kunsill. Imbagħad għaddiet il-laqgħa lil Noel Formosa peress li hu l-iktar Kunsillier anzjan. Is-Sur Formosa feraħ lil-membri kollha u qal li kien persważ li se naħdmu ma xulxin għall-ġid ta' San Lawrenz.

1.1.2 Peress li s-Sur Noel Formosa ġab l-iktar voti mill-partit, kellu dritt tal-karga ta' Sindku. Is-SE talbet lis-Sur Formosa jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Hu aċċetta u ffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

## 1.2 Aċċetazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku

1.2.1 Is-SE saqsiet lis-Sur Clyde Cauchi jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Clyde Cauchi aċċetta l-kariga u ffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

## 1.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

1.3.1 Il-laqgħa intemmet fl-19:15 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Ġimgħa 12 ta' Lulju fit-08:30am.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv